MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2014

Numru. 936/2005

**Il-Pulizija**

**(Spettur Ian Abdilla)**

**vs.**

**John Felice**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

John Felice, ta' 61 sena, iben John u Mary nee' Cutajar imwieled Rabat fis-6 ta' Gunju, 1943 u residenti 10, St. Francis Street, Tarxien u detentur ta' karta tal-identita' bin-numru 394643M

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fix-xahar ta' Jannar 2003 u fix-xhur ta' qabel b'diversi atti maghmula fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi:

a. Talli approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li giet fdata jew ikkunsinjata lilu, taht titolu li jgib mieghu l-obbligu ta' radd tal-haga lura jew li jsir minnha uzu specifikat u cioe' li ha decoder li huwa l-proprjeta' tal-Melita Cable Television u li ma kellux jedd fuqu u dan bi ksur tal-Artikolu 293 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
b. Ukoll talli bil-hsieb li jaghmel delitt li wera b'atti esterni u li ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu, ittanta jibni, jaghmel, jippossjedi, ibiegh jew jixtri apparat li bih ikun jista' jikkonnetti kontra l-ligi ma' sistema ta' telekommunikazzjoni, u dan bi ksur tal-Artikoli 41 u 298A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
c. Talli ttanta iqatta, ikisser, jaghmel hsara, inehhi, ibghabas jew jikkonnetti ma' xi parti ta' apparat, duct, arblu, cabinet, cable jew oggett jew haga li tkun, li jghamlu sehem jew li jintuzaw sabiex iservu fin-network tal-cable television jew fit-thaddim taghhom jew ghall-ghoti tas-servizz tal-cable television, kif ukoll ittanta jikkommetti serq ta' servizz tal-cable television ghad-dannu tal-Melita Cable television, liema serq hu kwalifikat bil-mezz u dan bi ksur tal-Artikoli 41, 42, 263, 264 u 326(1)(g) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
d. Talli bil-hsieb li jinstalla jew ihaddem sistema ta' installazzjoni jew apparat tat-telekommunikazzjonijiet minghajr awtorizzazzjoni taht u skond xi disposizzjoni tal-Kap 399, kif ukoll ittanta juza sistema jew apparat tat-telekommunikazzjoni provdut minn provditur awtorizzat ghal xi ghan li ma jkunx dak li ghalih gie provdut, jew naqas milli josserva dawk l-istruzzjonijiet li nhargu minn provditur awtorizzat ghall-uzu tas-sistema tat-telekommunikazzjoni jew taghmir jew ghamel uzu minnha mhux sew u dan bi ksur tal-Artikolu 39(1)(a) talk-Kap 399 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 41 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

e. Iffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh jew prodott ta' industrija jew manifattura; jew xjentement ghamel uzu ta' sinjali, tabelli jew emblem li jkun fihom indikazzjoni li jista' jqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew xjentement qieghed f'cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblem imxebbhin b'qerq u cioe' hamsin loghob tal-Playstation u oggetti ohra allegatament foloz u dan bi ksur ta' l-Artikolu 298(1)(a)(b)(c)(f) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
f. Bi qliegh jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, idduplika jew mod iehor irripproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam jew mod iehor offra ghal bejgh jew biex jitqassmu xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna ohra protetti bil-/jew taht il-Ligi ta' Malta u dan bi ksur tal-Artikolu 298B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens mibghut mill-Avukat Generali fit-12 ta' Jannar, 2007, sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja, u rat li l-imputat ma kellu l-ebda oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat;

Wara li semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti;

Rat li fis-seduta tas-7 ta' Marzu 2014, li kienet intiza ghat-trattazzjoni finali, gie registrat is-segwenti verbal:

*"Id-Difiza u l-Prosekuzzjoni konguntament jaqblu li fuq dan il-kaz ghandha tinstab htija fuq is-sitt imputazzjoni indikata bl-itta "f" fic-citazzjoni, cioe falsifikazzjoni ta' playstation games. Jissuggerixxu wkoll li ghandha tinghata piena ta' natura pekunjarja li fuq skorta ta' sentenzi simili li kienu nghataw fiz-zminijiet ta' meta sehh dan ir-reat kienu jkunu fl-ammont ta' mitejn u hamsin Euro.*

*L-Ufficjal Prosekutur inoltre jiddikjara illi l-imputazzjoni "e" hija alternattiva ghall-"f" u l-imputazzjonijiet l-ohra huma komprizi u involuti.*

*L-imputat qieghed jirregistra ammissjoni in kwantu jirrigwarda l-imputazzjoni "f".*

*Il-Qorti rat id-dikjarazzjoni tal-Prosekuzzjoni u d-Difiza fejn issuggerew illi l-piena ghal kaz odjern ghandha tkun wahda ta' multa fl-ammont ta' mitejn u hamsin Euro.*

*Il-Qorti f'dan l-istadju mhix sodisfatta li din hija l-piena idonea ghac-cirkostanzi tal-kaz odjern, u ghalhekk tirrizerva li teroga kull piena ohra permessibbli skont il-ligi.*

*L-imputat qed jammetti ghall-imputazzjoni "f".*

*Il-Qorti wissiet lill-imputat bil-gravita tal-ammissjoni tieghu, u senjatament li l-piena massima ghal dan ir-reat huwa ta' prigunerija ta' sena jew multa li ma teccedix hdax-il elf sit mija sitta u erbghin Euro u sebgha u tmenin centezmu (€11, 646.87) jew kemm ghal multa u kemm ghal habs u tatu cans jerga' jikkonsulta mal-Avukat difensur tieghu biex jara jekk iridx jirrevedi l-posizzjoni tieghu, u wara li l-imputat rega' kkonsulta mal-Avukat Difensur tieghu, huwa kkonferma l-ammissjoni tieghu."*

Sussegwentement din il-Qorti semghet it-trattazzjoni dwar il-piena u iddiferiet il-kawza ghas-sentenza ghat-13 ta' Gunju 2014.

Rat li fis-seduta tat-13 ta' Gunju 2014, gie registrat is-segwenti verbal:

*"Il-Qorti qieghda tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza in vista tal-fatt li meta kienet qieghda tabbozza l-istess sentenza kellha diffikulta biex tifhem il-verbal tal-Prosekuzzjoni fis-seduta precedenti li l-imputazzjonijiet "a" sa "d" fic-citazzjoni huma komprizi u involuti fl-imputazzjoni "f". Ghalhekk il-Qorti qieghda tistieden lill-Ufficcjal Prosekutur sabiex jaghmel fis-seduta li jmiss is-sottomissjonijiet fir-rigward u jekk ikun il-kas tisma' s-sottomissjonijiet tad-difiza."*

Il-kawza giet differita ghal dan l-iskop ghas-seduta tat-3 ta' Lulju 2014.

Rat li fis-seduta tat-3 ta' Lulju, 2014 gie registrat is-segwenti verbal:

*"L-Ufficjal Prosekutur qed jemenda l-verbal tas-seduta tas-7 ta' Marzu 2014 fejn iddikjara li l-imputazzjonijiet 'a', 'b', 'c' u 'd' huma komprizi u involuti fl-imputazzjonijiet 'e' u 'f' u minflok qed jirtira l-imputazzjonijiet 'a', 'b', 'c', u 'd' u jhalli fermi l-imputazzjonijiet 'e' u 'f' bl-imputazzjoni 'e' hija alternattiva ghall-imputazzjoni 'f'.*

*L-imputat jghati ruhu notifikat bic-citazzjoni kif korretta."*

Il-kawza giet differita ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

In vista tal-fatt li l-imputazzjonijiet 'a', 'b', 'c', u 'd' gew irtirati mill-Prosekuzzjoni, il-Qorti mhix se tiehu konjizzjoni ulterjuri taghhom.

Mil-provi prodotti kif ukoll mill-ammissjoni tal-imputat, il-Qorti issib lill-imputat hati tas-sitt imputazzjoni u cioe l-imputazzjoni 'f'.

L-imputat kien jiggestixxi hanut bl-isem "Felix Electronics" li fih *inter alia* instabu 590 Playstation games ohra allegatament illegalment ikkupjati.[1] Fl-istqarrija tieghu, l-imputat ammetta li dan il-materjal kien kollu ikkupjat illegalment, u li kien huwa li kien jikkopja ic-CD's tal-playstation, imbaghad joffrihom ma' playstations meta jinxtraw mill-klijenti u gieli jbieghhom ghalihom. Kien ibiehom bil-Lm1.00-il wahda.[2]

Il-Prosekuzzjoni ivverbalizzat li r-reati kontemplati fl-Artikoli 298(1)(a), (b), (c) u (f) tal-Kodici Kriminali (imputazzjoni 'e' fic-citazzjoni) huma alternattivi ghar-reat kontemplat fl-Artikolu 298B tal-Kodici Kriminali (imputazzjoni 'f' fic-citazzjoni), u f'dawn il-proceduri, l-imputat ammetta li hu hati tal-imputazzjoni 'f'. Pero dawn ic-CD's in kwistjoni qatt ma gew esebiti fil-Qorti, u apparti l-

[1] Ara xhieda ta' Helga Buttigieg Debono, ex spettur, a fol. 29 *et seq.*, stqarrija tal-imputata ezebita bhala Dok. HBD a fol. 31 tal-process u xhieda ta' PS 290 John Paul Formosa a fol. 34 tal-process.
[2] Ara stqarrija tal-Imputat ezebita bhala Dok HBD a fol. 31 *et seq.* tal-process.

istqarrija tal-imputat, il-Prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova sabiex tipprova r-reati kontemplati fl-Artikoli 298(1)(a), (b), (c) u (f) tal-Kodici Kriminali, li jikkoncernaw reati ta' qerq fil-kummerc u fl-industrija, u ghaldaqstant, il-Qorti sejra tillibera lill-imputat minn din l-imputazzjoni.

L-imputat gie wkoll akkuzat ta' reat kontinwat, pero dan ma jirrizultax mill-provi, u ghalhekk il-Qorti sejra tillibera lill-imputat minn dan ir-reat.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti ikkunsidrat li l-fedina penali tal-imputat hija prattikament netta, hlief ghal kundanna ta' kontravvenzjoni wahda fl-1984. Ikkunsidrat ukoll illi l-imputat ikkopera mal-pulizija.

Pero din l-ammissjoni tal-imputat ma tistax titqies li hija wahda bikrija meta wiehed iqis li din l-ammissjoni saret meta l-proceduri kriminali kienu ilhom ghaddejin iktar minn tminn (8) snin, iz-zewg partijiet kienu ghalqu l-provi, u saret fil-gurnata intiza ghat-trattazzjoni finali. Ghalhekk, l-imputat xorta hela l-hin u r-rizorsi tal-pulizija u tal-Qorti.

Min-naha l-ohra, il-Qorti zammet ukoll quddiem ghajnejha li l-prosekuzzjoni fl-ahhar seduta irtirat erba' imputazzjonijiet.

Il-Qorti ikkunsidrat ukoll li l-ammont ta' CD's li nstabu illegalment ikkupjati fil-pussess tal-imputat kien wiehed pjuttost gholi – 590 il-CD. Ladarba *ex admissis,* l-imputat kien ibieghom Lm1 il-wahda, dan ifisser li l-imputat kien se jaghmel qliegh illegali ta' Lm590 – illum ekwivalenti ghal €1374.33.

Din il-Qorti taqbel perfettament ma dak li rriteniet il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[3] fis-sentenza **Il-Pulizija v. Godwin Manche**, deciza fl-1 t'Ottubru 2003, u li kienet titratta ukoll reat taht l-Artikolu 298B tal-Kodici Kriminali li sar fit-2003 – fl-istess sena li gie kommess ir-reat in kwistjoni – fejn gie ritenut illi *"Mill-banda l-ohra din il-Qorti trid ukoll izzomm f'mohhha l-gravita tar-reati li l-appellant ammetta il-htija taghhom u li dan it-tip ta' reat taz-zminijiet moderni qed isir kull ma jmur aktar prevalenti w qed jikkaguna dannu ghall-isem tal-komunita kummercjali Maltija f'ghajnejn id-dinja w ghalhekk hemm bzonn li l-piena sservi ukoll ta' deterrent kontra min jiggestixxi l-istess*

[3] *Per* Imhallef J. Galea Debono.

*attivita kriminali."* F'dan il-kaz, l-appellant kien instab fil-pussess ta' 21 CD ikkuppjat u ammetta l-htija tieghu fl-ewwel seduta, u inghata piena ta' sitt (6) xhur habs sospizi ghal sentejn. Pero irid jinghad li l-appellant kien instab hati wkoll ta' qerq fil-kummerc u talli opera minghajr licenzja tal-Pulizija.

Fid-dawl tas-suespost, fl-opinjoni tal-Qorti, il-piena ta' multa ta' €250 suggerita mill-Prosekuzzjoni u tad-Difiza hija miti wisq fic-cirkostanzi tal-kaz.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti fil-waqt li ssib lill-imputat mhux hati tar-reati kontemplati fl-Artikoli 18 u fl-Artikoli 298(1)(a), (b), (c) u (f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u qed tilliberah minn dawn l-imputazzjonijiet, issib lill-imputat hati tar-reat ikkontemplat fl-Artikolu 298B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta , u tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' elfejn Euro (€2000.00), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' sittin Euro (€60.00), b'dan li l-ewwel pagament ikun dovut sa mhux aktar tard mill-1 ta' Dicembru 2014, b'dan li jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

Il-Qorti tordna l-konfiska tal-oggetti kollha maqbuda mill-Pulizija favur il-Gvern ta' Malta.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------